VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,724, 22 ta' Ottubru, 2021
Taqsima B

A.L. 399 tal-2021

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA (KAP. 595)

Ordni tal-2021 li jwaqqaf l-Aġenzija għar-Riġenerazzjoni taż-Żoni Turistiċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 26 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-Prim Ministru għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2021 li jwaqqaf l-Aġenzija għar-Riġenerazzjoni taż-Żoni Turistiċi.

Tifsir.

2. F'dan l-ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Aġenzija" tfisser l-Aġenzija għar-Riġenerazzjoni taż-Żoni Turistiċi stabbilita b'dan l-ordni;

"Att" tfisser l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika; Kap. 595.

"Ftehim tal-Aġenzija" tfisser il-Ftehim kif provdut fl-artikolu 9;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għat-turiżmu;

"Segretarju Permanenti" tfisser is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli għat-turiżmu.

Twaqqif tal-Aġenzija għar-Riġenerazzjoni taż-Żoni Turistiċi.

3. Għandu jkun hemm Aġenzija li għandha tkun magħrufa bħala l-Aġenzija għar-Riġenerazzjoni taż-Żoni Turistiċi li għandha twettaq il-funzjonijiet primarjament relatati mar-riġenerazzjoni u l-immaniġġjar taż-żoni ta' importanza turistika.

Funzjonijiet tal-Aġenzija.

4. L-Aġenzija għandu jkollha l-funzjoni li:

(a) tmexxi fit-tfassil ta' pjanijiet ta' riġenerazzjoni b'emfasi fuq azzjoni olistika u sostenibbli, disinn urban tajjeb, li jipprovdi postijiet vivibbli li jkunu attraenti għar-residenti u postijiet attraenti biex jitgawdew mill-viżitaturi;

(b) tmexxi l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet li joħorġu mill-pjanijiet ta' riġenerazzjoni;

(ċ) tintroduċi u timplimenta bis-sħiħ il-kunċett tal-

Ġestjoni taċ-Ċentru tal-Belt bl-involviment tal-partijiet lokali interessati u tiffoka fuq dawk l-aspetti bħas-sigurtà, is-sikurezza u l-kumditá urbana;

(d) timmaniġġja l-bajjiet bħala parti integrali miż-żona turistika, u timplimenta strateġija komprensiva għall-immaniġġjar effettiv u olistiku tal-bajjiet;

(e) tipprovdi appoġġ tekniku u manutenzjoni f'żoni turistiċi ewlenin, li huwa f'waqtu fl-intervent tiegħu, sabiex jipprovdi servizz effiċjenti lill-komunità tan-negozju;

(f) tikkoordina u tissorvelja l-manutenzjoni urbana, b'mod indipendenti jew f'kooperazzjoni ma' aġenziji oħra;

(g) tiggwida lill-aġenziji tal-gvern u lill-kumpaniji privati biex itejbu l-interventi tagħhom ta' ġestjoni urbana sabiex is-servizz ipprovdut fiċ-ċentru tal-ibliet ikun fl-istess livell tal-aħjar servizz effiċjenti provdut f'pajjiżi Ewropej oħra;

(h) tħeġġeġ l-ogħla livelli ta' kwalità fl-implimentazzjoni ta' proġetti u l-forniment ta' servizzi u faċilitajiet f'żoni turistiċi; u

(i) tassisti fl-iżvilupp ta' strateġija ta' investiment fit-tul li tiżgura ċiklu tal-ħajja tal-proġett.

Ministru responsabbli għall-Aġenzija.

5. (1) Il-Ministru responsabbli għall-Aġenzija għandu jkun il-Ministru responsabbli għat-turiżmu.

(2) Il-Ministru jista', minn żmien għal żmien, jaħtar Kumitat tal-Immaniġġar sabiex jiffaċilita l-immaniġġjar ta' kwalunkwe sit tal-proġett identifikat.

(3) Il-Ministru għandu jawtorizza lill-Aġenzija sabiex tidħol fi kwalunkwe ftehim ma' kwalunkwe entità governattiva jew organizzazzjoni non-governattiva relatata mat-turiżmu jew kwalunkwe parti terza għall-immaniġġjar ta' kwalunkwe sit tal-proġett identifikat:

Iżda l-approvazzjonijiet kollha neċessarji għal dan l-immaniġjar ikunu ġew mogħtija mid-Diviżjoni tal-Proprjetà tal-Gvern skont il-Liġijiet ta' Malta.

Qafas tal-operat tal-Aġenzija.

6. (1) L-Aġenzija għandha, b'konsultazzjoni mal-Ministru, tistabbilixxi u terġa' torganizza unitajiet, diviżjonijiet u taqsimiet kif xieraq sabiex teżerċita l-funzjonijiet tagħha.

(2) L-operat tal-Aġenzija għandu jsegwi Ftehim li għandu jiġi

VERŻJONI ELETTRONIKA

maqbul bil-miktub bejn is-Segretarju Permanenti u l-Aġenzija.

Rwol tal-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni.

7. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-ordni, l-imġiba eżekuttiva tal-Aġenzija, l-amministrazzjoni tagħha, l-organizzazzjoni u l-kontroll amministrattiv tal-uffiċjali u l-impjegati tagħha għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni, li għandu jkun maħtur mill-Ministru.

(2) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-għanijiet tal-Aġenzija fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha u taħt il-gwida tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija, huwa għandu:

(a) jassumi responsabbiltà sħiħa għas-superviżjoni u l-kontroll ġenerali tal-unitajiet, diviżjonijiet u taqsimiet;

(b) jassenja lil kull unità, diviżjoni u taqsima dawk id-dmijiriet li huwa jqis meħtieġa u spedjenti;

(ċ) jikkoordina x-xogħol tal-unitajiet, diviżjonijiet u taqsimiet;

(d) jiżviluppa u jimplimenta strateġiji neċessarji sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-Aġenzija; u

(e) iwettaq dawk id-dmirijiet l-oħra li l-Ministru jista' jassenjalu minn żmien għal żmien.

Assenjazzjoni ta' uffiċjali pubbliċi

8. (1) Uffiċjali pubbliċi assenjati mal-Aġenzija għandhom ikunu meqjusa li huma assenjati mal-Aġenzija skont l-artikolu 33 tal-Att.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Att u ta' kwalunkwe liġi oħra, l-Aġenzija għandu jkollha l-awtorità li timpjega l-impjegati tagħha stess.

Arranġamenti Finanzjarji Kap. 601

9. L-Aġenzija għandha tkun regolata mid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi sakemm ma jkunx dikjarat mod ieħor fil-Ftehim tal-Aġenzija bejn is-Segretarju Permanenti u l-Aġenzija, f'liema każ id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim tal-Aġenzija għandhom jipprevalu.

Bord ta' Tmexxija.

10. (1) Il-Ministru responsabbli għall-Aġenzija jista' jwaqqaf Bord ta' Tmexxija biex jassisti lill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni u lill-Kumitat tal-Immaniġġar fil-qadi ta' dmirijietom.

(2) Il-Bord ta' Tmexxija mwaqqaf taħt dan l-artikolu għandu jikkonsisti f'mhux anqas minn tliet (3) membri u mhux aktar minn disa' (9) membri maħtura mill-Ministru.

(3) Ir-rimunerazzjoni mħallsa lill-membri tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija għandha tkun skont kwalunkwe direttivi u linji gwida applikabbli.

Jemenda r-Raba' Skeda li tinsab mal-Att.

11. Fir-Raba' Skeda tal-Att, minnufih wara l-kliem "Aġenzija għar-Reġistru tal-Kumpanniji" għandu jiżdied dan li ġej:

Aġenzija	Funzjoni tal-Aġenzija
"Aġenzija għar-Riġenerazzjoni taż-Żoni	Biex tirriġenera resorts turistiċi mal-kosta u timmaniġġja ċ-ċentru tal-belt f'żoni turistiċi."